KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**11/18**

**Minuti tal-ħdax il-laqgħa tat-tmintax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhari l-Erbgħa 19 ta' Ottubru, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku
Sur Carmel Camilleri - Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Assenti u Skużati**

Sur Stephen Sultana – Kunsillier (baghat ittre: kien ma jiflaħx)
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier (baghat ittre: kien xogħol)

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-20 ta Ġunju, 2011, 7 ta' Lulju, 2011, 26 ta' Lulju, 2011 u 9 ta' Awissu, 2011.

2. Punti mqajma mill-Minuti

3. Komunikazzjoni mis-Sindku

4. Pjan ta' Ħidma

5. Ilmenti

6. Aġġornament

**Bidu tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fil-5.50 ta' filgħaxija wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1 Qari tal-minuti**

Il-minuti tal-20 ta' Ġunju, 2011, 7 ta' Lulju, 2011, 26 ta' Lulju, 2011 u 9 ta' Awissu, 2011 li ġew ċirkulati qabel il-laqgħa għand il-Kunsillieri kollha ġew meħuda bħala moqrija.

**1 1 Approvazjoni tal-minuti tal-20 ta' Ġunju, 2011.**

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**1 2 Affarijiet li tqajmu mill-minuti ta l-20 ta' Ġunju, 2011**

**1 3 Tema 3.08 Librerija u Toilet fi Ġnien Romeo Romano Santa Venera**

Is-Sindku qal li reġa talab lill MEPA sabiex terġa tikkonsidra t-talba tal-Kunsill li minħabba li l-ewwel applikazzjoni ma ġietx aċċettata l-Kunsill issuġġerixxa parti oħra mill-Ġnien.

Is-Sur Carmel Camilleri stqarr li għalkemm il-Kunsill ilu li ġie imwiegħed li ġewwa Santa Venera jkun hemm Librerija Pubblika din għada ma waslitx.

**1 4 3.09 Festin**

Is-Sindku qal li kien ta lista ta' personalitajiet lill-iskrivana sabiex tibgħat l-inviti u meta lestithom l-eks Aġent Segretarju J. M. Formosa mar jimpustahom. Wara dan il-festin sar jaf li kien hemm min ma rċeviex l-invit u fost dawk li ma rċevewx l-invit tal-Kunsill kien hemm żewġ Ministri tal-Gvern.

**1 5 Approvazjoni tal-minuti tal-laqgħa li kellha ssir fis-7 ta' Lulju, 2011**

Din il-laqgħa ma saritx minħabba li ma kienx hemm kworum. Il-minuta relattiva ġiet approvata *nem con*.

**1 6 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tas-26 ta' Lulju, 2011**

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**1.7 Affarijiet li tqajmu mill-minuti tas-26 ta' Lulju, 2011**

**1.8 Tema: Pjan ta Ħidma**

Is-Sindku qal li huwa importanti li kull Kunsillier juri x'sejjer jagħmel sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu tad-dekasteri fdati lilu jew lilha.

Il-Kunsillieri għandhom igħidu x'sejrin jagħmlu u wara jkunu jistgħu anke jaħtru s-sotto kumitati rispettivi.

Fi kliem sempliċi pjan ta' ħidma huwa x'servizz sejrin nagħtu lir-residenti.

F'dan l-istadju l-Kunsillieri preżenti qablu li jippreżentaw il-kitbiet tagħhom dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-aħħar ta' Mejju, 2011.

**1.9 Tqassim ta' Computers użati mingħand il-MITA**

Is-Sindku qal li ġie stabbilit li kien hemm 10 computers użati li ġew mingħand il-MITA u li l-Kunsill kien qed jitlob sabiex dawn jingħataw lill min jista' jiġi bżonnhom.

Sar suġġeriment illi dawn jingħataw lid-Day Centre tal-Anzjani sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu fuqhom u lil xi nies oħra li kellhom bzonnhom.

**1.10 Motor Cycles Bays**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li sa qabel is-sena 2010 huwa kien ta lista ta' 6 postijiet fejn jistgħu faċilment isiru dawn il-Motor Cycles Bays.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li dawn ġew injorati mill-Awtoritajiet u għalhekk il-Kunsill għandu jieħu dan il-każ quddiem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**1.11 Approvazzjoni tal-Minuti tad-9 ta Awissu, 2011**

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**Fir-renumerazzjoni it-tema 2 affarijiet li tqajmu mill-minuti saret kontinwazzjoni tat-tema nru 1.**

**3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**3.1 Containers fit-toroq residenzjali ġewwa Santa Venera**

Is-Sindku qal li fis-7 ta Settembru 2011 kien inqala inċident serju fi Triq il-Brunżar, Santa Venera u talab l-għajnuna tas-Supt C. Magri sabiex fejn ikun hemm ksur tal-liġi dawk li qed jiksru l-liġi għandhom jittieħdu passi kontrihom u jkun hemm ħarsin u siġurta għar-residenti.

Jidher li kien hemm ksur tal-ħarsin tas-sigurta pubblika u l-pulizija ma ħadet ebda passi kontra dawk li kienu qed iħottu jew jgħabbu l-containers fit-toroq residenzjali ta' Santa Venera.

F'dan ix-xenarju huwa ħass li ma setax iħalli li l-Kunsill iġorr fuqu r-responsabilita dwar is-sigurta pubblika u għalhekk kien talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill ma joħroġx aktar permessi dwar il-ħatt/tgħabbija tal-containers ġewwa t-toroq ta' Santa Venera.

Is-Sindku qal li dwar dan il-Kunsillier Sur Stephen Sultana kien diġa kiteb fejn wera li ma qabilx dwar li l-Kunsill jabdika għaliex ikun hemm possibilita' li l-Kunsill jiġi mwarrab u injorat u b'hekk issir aktar ħsara lir-residenti milquta.

Is-Sindku qal li esiġa li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jinforma lill Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lill-Ministru Responsabbli mill-Pulizija kif ukoll lill-Ombudsman dwar il-qagħda preżenti bil-għan ewlieni li dawn l-Awtorijtajiet jieħdu l-passi meħtieġa.

Is-Sindku qal ukoll illi sal-ħin ta' din il-laqgħa l-Kunsill kien irċieva biss acknowledgement tal-ittri li bagħat il-Kunsill u xejn aktar dwar l-azzjoni li setgħet ittieħdet.

3.2 Proġett tal-PPP fuq ħames toroq li huma

i. Triq l-Imsida
ii. Misraħ il-Barrieri
iii. Triq Braille
iv. Misraħ Santa Venera
v. Triq il-Lunzjata

Is-Sindku spjega illi l-Kunsill kien qed jagħmel ħiltu sabiex jinvestiga l-ispiża sorpriża ta €75,000 li talbet il-Water Services Corporation.
Is-Sindku qal li kien qed jiġi mwiegħed li 30% ta' din l-ispiża titħallas mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda ma kienx hemm xejn bil-miktub.

Is-Sindku qal li Sur Joseph Vella, f'isem Central Asphalt Limited kien infurmah li jrid żieda ta 10% tal-prezzijiet tat-tender u li ma tantx kien dispost li jaħdem fuq terminu tal-kuntratt tal-PPP.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għadda dan il-każ lill-Avukat Dr Richard Sladden sabiex jieħu l-passi meħtieġa u jipproteġi l-interessi tal-Kunsill skont il-liġi.

Is-Sindku qal li permezz ta' ittra datata 11 ta' Ottubru, 2011 u indirizzata lill Dr R. Sladden, Central Asphalt wieġbet li lesta tkompli bir-relazjoni tagħha mal-Kunsill fuq dan ix-xogħol u għamlet xi proposti li kienu qed jiġu konsidrati mill Kunsill sabiex ma jkunx hemm impatt ħażin fuq il-finanzi u xogħol tal-Kunsill.

**Ġbir ta skart nhar ta Ħadd – Tneħħija tal-*Bins on wheels***

Is-Sindku qal li kien qed isir abbuż minn dawn il-*bins on wheels* speċjalment minn nies li jaslu li jarmu kull tip ta' skart u li jħallu skart madwar dawn il-bins li qed jagħmel ħsara lill ambjent u li joħloq inkonvenjent serju għar residenti tal-madwar.

Is-Sindku qal li għalhekk b'seħħ mis-6 ta' Diċembru, 2011 il-Kunsill kien sejjer jibda jneħħi dawn il-*Bins on Wheels* anke fuq bażi esperimentali.

**3.3 Vetturi abbandunati**

Is-Sindku qal li l-Kunsill beda proċess li jneħħi vetturi abbandunati fit-toroq ta' Santa Venera billi l-ewwel jitwaħħal avviż fuq il-vettura skond il-liġi u wara jittieħdu passi sabiex il-vettura tittieħed fi *scrap yard*.

**3.4 i *<u>1 Hour Parking</u>* fi – Triq il-Ferrovija – quddiem il-ħwienet tal-fjuri**

**ii Triq il-Kappillan Mifsud – faċċata tar-Rondor (quddiem Muscat Flora)**

Il-Kunsill qabel li ssir tabella li tindika li dawn l-inħawi ma tistax tħalli l-vettura ipparkjata għal aktar minn siegħa u b'hekk jinqata l-abbuż li ħafna *dealers* tal-karozzi iħallu vetturi għall-bejgħ f'dawn l-inħawi bil-konsegwenza li jispiċċa l-*parking* kemm għar-residenti kif ukoll għall dawk li jkunu jixtiequ jieqfu ftit u jixtru mill-ħwienet tal-qrib.

**3.5 Ittra tal-UHM datata 4 ta' Ottubru, 2011 dwar Mozzjoni sabiex twaqqa l-Grad minn skala 13 għal skala 15 u dwar ġbir ta paga għax xahar ta' Settembru, 2011 rigwardanti s-Sinjorina Maria Aquilina li taħdem bħala skrivana mall-Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sindku għamel referenza għall-ittra datata 4 ta' Ottubru, 2011 li rċieva mingħand il-Unjon Ħaddiema Magħqudin (UHM) li fiha l-avukat tal-Union Dr Andrew Grima qal li s-Sinjorina Aquilina "esperjenzat ċertu reżistenza mingħand is-Sindku Horace J. Anastasi meta marret tiġbor il-paga spettanti lilha għax-xahar ta'Settembru u kien biss bl-intervent tas-Sur Josef Vella Segretarju tat-Taqsima Entitajiet Pubbliċi, illi s-Sinjorina irnexxielha tiġbor il-paga tagħha.

L-avukat tal-UHM kiteb ukoll illi l-Union kienet ser iżżomm lill Kunsill reponsabbli għall-kwalunkwe danni illi tista tkun issofri l-mittenti Aquilina.

Is-Sindku spjega li dak li nkiteb dwaru fil-konfront tiegħu ma kienx minnu u ċaħad kategorikament illi huwa qatt ċaħħad lill-Maria Aquilina milli tieħu l-paga tagħha. Is-Sindku qal li kien l-uffiċċjal tal-UHM li wera arroganza miegħu u dan seħħ fil-Kunsill meta l-istess uffiċjal esiġa li dlonk jingħata iċ-ċekk ta' Maria Aquilina. Is-Sindku wieġeb li kien se jċempel lill-Avukat u dan beda jgħajjat li l-Iskrivana kienet barra u se jgħidilha li ma ridtx nagħtiha ċ-ċekk. Is-Sindku wieġbu li la kienet barra, fit-triq, kien lest li jmur u jagħtihulha huwa stess. Fil-fatt hekk għamel. Is-Sindku żied jirrimarka li kienet Leave u l-Iskrivan L. Busuttil beda jċemplilha biex tiġi tieħu ċ-ċekk u wara li beda jkellimha nqatgħet il-linja. Reġa' ċemplilha u reġgħet waqgħet il-linja u wara reġa' pprova u beda jsibu mitfi. Meta s-Sindka rrimarka dan kollu lill-Iskrivana fil-preżenza tal-Uffiċjal tal-UHM hi wieġbet li bdiet tmurilha l-linja u fl-aħħar marret il-batterija tal-mobajl.

Is-Sindku qal lis-Sinjorina Aquilina għadha tidħol wara t-8.00 ta' filgħodu u semma' każ meta quddiemu stess daħlet fit-8.10 ta' filgħodu u filwaqt li ġibdilha l-attenzjoni li dan ma ħin li tidħol għax-xogħol, hija injoratu u l-anqas biss skużat ruħha.

Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm korrispondenza dwar id-dawl li ġiet irreferuta lill-Aġent Segretarju s-Sur Formosa fi Frar 2011 u li giet preżentata riċentement.

Is-Sindku irrefera dwar li l-UHM qed titlob li l-Kunsill iwaqqa l-mozzjoni dwar li s-Sinjorina Aquilina tinżel fil-grad skala 15 minn skala 13. Il-Kunsill kien qabel lis-Segretarju jikteb lid-DLG sabiex ikollu direttivi dwar jekk il-Kunsill jistax iniżżel lill-Iskrivana minn Skala 13 għal 15. Is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu li fl-istess jum tad-deċiżjoni tal-Kunsill kienet diġa' ħarġet l-aħbar. L-għada daħlet il-UHM meta ma kien hemm xejn fattwali u l-Aġent Segretraju lanqas biss kiteb lid-Dipartiment.

Is-Sindku talab li tittieħed vot sabiex l-avukat tal-Kunsill jirrispondi u jiċħad l-allegazjonijiet tal-UHM u li jirrijaferma deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill.

Is-Sur Carmel Camilleri issekonda l-proposta.

Il-Proposta għaddiet għal vot.

Ittieħed vot.

Favur: Horace J. Anastasi, Ronald Briffa, Carmel Camilleri, Mariella Micallef

Astensjoni: Edwin Formosa

**Aġġornament / Tkomplija tal-laqgħa**

Peress li kien sar il-ħin is-Sindku aġġorna l-laqgħa fid 8.50 ta' filgħaxija sabiex titkompla nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011 fis 6 ta' filgħaxija fuq l-Aġenda li diġa' ġiet iċċirkolata.

Louise Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku